

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport (DĠ MOVE)

Pubblikazzjoni tal-post battal ta' Konsulent Prinċipali (grad AD14)

(l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2019/10390

(2019/C 331 A/01)

Min aħna

Taħt il-gwida politika tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, b'mod partikolari, kif inhuma, il-Viċi Presidenti Jyrki Katainen u s-Sur Maroš Šefčovič u l-Kummissarju Violeta Bulc, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport (DĠ MOVE) huwa responsabbli għall-iżvilupp tal-politiki tat-trasport għall-Unjoni Ewropea. Il-mandat tiegħu huwa li jippermetti u jipromwovi l-mobbiltà tal-persuni u t-trasport ta' merkanzija li tkun effiċjenti, sikura, sigura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, li taqdi l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji.

Id-DĠ MOVE jżviluppa politiki strateġiċi għas-settur tat-trasport; jissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi eżistenti tal-UE u jagħmel proposti leġiżlattivi ġodda; jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki. Il-ħidma tiegħu hija akkumpanjata minn programmi ta' appoġġ finanzjarju, b'mod partikolari għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt Orizzont 2020 u għal kofinanzjament ta' investimenti fl-infrastruttura tat-trasport taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). Id-DĠ jipromwovi l-politiki internazzjonalment u jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku kif ukoll lill-partijiet interessati.

Id-DĠ MOVE huwa meġhjun f'xogħlu bil-kontribut espert minn diversi Aġenziji Ewropej u minn żewġ Impriżi Konġunti, li jissorvelja: l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks (INEA), u l-Impriża Konġunta SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew) u l-Impriża Konġunta Shift2Rail. Id-DĠ MOVE bena wkoll sħubija b'saħħitha mal-EUROCONTROL u huwa rrappreżentat fil-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.

Nipponu

Id-doveri ewlenin tal-Konsulent Prinċipali se jkunu li:

- jappoġġa lid-Direttur Ġenerali billi jipprovdi pariri strateġiċi u gwida dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport u l-mobbiltà f'kooperazzjoni mill-qrib mad-Direttorati Ġenerali għan-Netzwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CNECT), ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD), is-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (DĠ GROW) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC);
- jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-mobbiltà diġitali u b'emissjonijiet baxxi tal-Kummissjoni mmirata lejn il-kisba ta' mobbiltà intelliġenti, sikura, sostenibbli u mingħajr ebda konġestjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji;

- jikkollabora mill-qrib mal-Viċi Direttur Ġenerali u d-Direttorat responsabbli għall-politika dwar kwistjonijiet relatati, b'mod partikolari d-Direttorat B, filwaqt li jkun direttament marbut mad-Direttur Ġenerali.

Aħna qegħdin infittxu (kriterji tal-għażla)

Il-kandidat ideali jkun professjonist dinamiku u li jispikka li għandu jissodisfa l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- (a) *Għarfien tekniku u esperjenza teknika*, u b'mod partikolari:

- fehim orizzontali tajjeb ħafna tal-funzjonament tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni;
- esperjenza fi kwistjonijiet diġitali speċjalment dwar il-kwistjoni topika tad-data (il-protezzjoni tad-data, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali, il-cloud, iċ-ċibersigurtà, eċċ.);
- għarfien tajjeb tal-politiki li jaqgħu taħt id-DĠ MOVE, u b'mod aktar partikolari, ta' din il-funzjoni ta' Konsulent Prinċipali.

- (b) *Esperjenza u ħiliet fil-maniġment/fil-konsulenza*, u b'mod partikolari:

- esperjenza konsultattiva u kapaċità ppruvata li jistabbilixxu oġettivi, jagħtu prijorità lil kompiti u jiżguraw l-eżekuzzjoni effettiva tagħhom;
- ħila eċċellenti biex jiġu mfassla u jkun hemm fokus fuq il-prijoritajiet, jiġi żgurat segwitu, jiġi evalwat il-progress u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni.

- (c) *Komunikazzjoni/negozzati u ħiliet oħrajn*, u b'mod partikolari:

- ħiliet interpersonali, ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' negozjar eċċellenti f'livell għoli, ġudizzju politiku sod u abilltà li jikkomunika b'mod effikaċi u effettiv mal-partijiet ikkonċernati kollha ġewwa jew barra mill-Kummissjoni u biex jibni relazzjonijiet ta' fiduċja magħhom;
- kapaċità pruvata għas-sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, u l-partijiet interessati f'livell għoli.

Kundizzjonijiet essenzjali (il-kriterji ta' eliġibbiltà)

Il-kandidati se jiġu biss ikkunsidrati għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali segwenti li għandhom jiġu ssodisfati **sal-iskadenza tal-applikazzjonijiet**:

- *Nazzjonalità*: Il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- *Lawrja jew diploma mill-università*: Il-kandidati jrid ikollhom:
 - Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar:
 - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas 3 snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).
- *Esperjenza professjonali*: Il-kandidati jrid ikollhom minn tal-inqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali postgradwatorja f'livell li jagħtu aċċess għalih il-kwalifiki msemmija hawn fuq. Minn tal-inqas ħames snin minn dik l-esperjenza professjonali jridu jkunu f'kariga ta' konsulenza f'livell għoli ⁽¹⁾.

(1) Fil-curriculum vitae (CV) tagħhom il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar, għas-snin kollha li matulhom inkisbet l-esperjenza ta' konsulenza f'livell għoli: (1) it-titlu u r-rwol tal-karigi li kienu jokkupaw; (2) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi fuqhom u taħthom; u (3) l-għadd ta' persunal fl-istess livell tagħhom.

- *Lingwi*: Il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ^(?) u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra minn dawn. Matul l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li parti mill-intervista ssir f'din il-lingwa l-oħra.
- *Limitu tal-età*: Il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tkun għalqet is-66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal ^(?)).

Barra minn hekk, il-kandidati jridu jkunu wettqu kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari; iridu jipproduċu r-referenzi tal-karattru adatti rigward l-idoneità tagħhom għat-twettiq tad-doveri tagħhom u jkunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-doveri tagħhom.

Għażla u nomina

Il-Kummissjoni Ewropea tagħżel u tinnomina lill-Konsulent Prinċipali tagħha skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tagħha (ara: Id-Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Kariga Għolja ^(?)).

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea twaqqaf bord ta' preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika lill-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, u li jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord ta' preselezzjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-bord ta' preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal aktar intervisti mal-Kumitat Konsultattiv Ewropew għan-Nomini (CCA – Consultative Committee on Appointments). Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord ta' preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jissejju għal intervista mas-CCA jipparteċipaw f'ċentru ta' valutazzjoni dwar il-maniġment li jdum ġurnata sħiħa mmexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ, sakemm ma jkunux diġà ġew evalwati permezz ta' ċentru ta' valutazzjoni organizzat fuq talba tal-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea għal kariga simili fl-istess livell bħal dak li jkunu qegħdin japplikaw għalih din id-darba għal matul is-sentejn li jippreċedu d-data tal-intervista mas-CCA. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' valutazzjoni, is-CCA jstabbilixxi lista preliminari tal-kandidati li jikkunsidra xierqa biex jaqdu l-funzjonijiet ta' Konsulent Prinċipali.

Il-kandidati fuq il-lista preliminari tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Mobbiltà u t-Trasport ^(?).

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu deċizzjoni dwar il-ħatra.

Għal raġunijiet funzjonali u sabiex il-proċedura tal-għażla titlesta malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll tal-istituzzjoni, il-proċedura tal-għażla ssir biss bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż ^(?).

Opportunitajiet indaqs

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ^(?). Minħabba r-rappreżentanza baxxa ta' nisa ffunzjonijiet maniġerjali, il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir applikazzjonijiet min-għand nisa.

^(?) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MT>

^(?) <http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF>

^(?) https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf

^(?) Sakemm il-Membru tal-Kummissjoni kkonċernat, f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 (PV(2007) 1811), ma jkunx iddelega dan il-kompitu lil Membru ieħor tal-Kummissjoni.

^(?) Il-bordijiet tas-selezzjoni jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ inġust lill-kelliema nattivi ta' dawn il-lingwi.

^(?) <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20140701&from=MT>

Kundizzjonijiet ta' impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma elenkati fir-Regolamenti tal-Persunal ⁽⁸⁾.

Il-kandidat magħżul ser jiġi reklutat bħala uffiċjal fil-grad AD 14. Il-kandidat li jintgħażel jiġi kklassifikat skont it-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fl-iskala 1 jew fl-iskala 2 ta' dak il-grad.

Jenħtieġ li l-kandidati jieħdu nota tar-rekwiżit skont ir-Regolamenti tal-Persunal għall-persunal ġdid kollu li jrid itemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell.

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Qabel jibda jaqdi dmirijietu, il-Konsulent Prinċipali jintalab jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjara kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

Il-proċedura ta' applikazzjoni

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà ("Kundizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari dawk rigward it-tip ta' diplomi, u l-esperjenza professjonali kif ukoll il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa. Min ma jissodisfax xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tkun identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, informa lill-Kummissjoni Ewropea b'kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun kompluta, jeħtieġ li ttella' CV fil-format PDF u li timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċievi l-ebda konferma bil-posta elettronika, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok kun af li **mhuwiex** possibbli li żżomm taħt monitoraġġ il-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Se tiġi kkuntattjat(a) rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek direttament mill-Kummissjoni Ewropea.

Għal aktar informazzjoni u/jew fil-każ ta' problemi tekniċi, ibgħat ittra permezz tal-posta elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **l-4 ta' Novembru 2019, 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tlesti r-reġistrazzjoni online tiegħek fil-ħin. Nirrakkomandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar f'itjem biex tapplika, għaliex konġestjoni kbira tal-Internet jew xi problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiġi tterminata qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' aktar iddaħħal data. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

⁽⁸⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20140701&from=MT>

Informazzjoni importanti għall-applikanti

Il-kandidati huma mfakkra li l-ħidma tad-diversi kumitati tal-għażla hija kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali ta' dawn, u lanqas ma jista' xi ħadd f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bords rilevanti.

Protezzjoni ta' *data* personali

Il-Kummissjoni tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi proċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà ta' tali *data*.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).